Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10390 — Christian Burrus/OTPP/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 405/07)

1. Fid-29 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Il-Bord tal-Pjan tal-Pensjoni tal-Għalliema ta' Ontario ("OTPP", il-Kanada),

— Burrus Group (l-Iżvizzera), ikkontrollat esklussivament minn Christian Burrus,

— It-Taqsima tas-Senserija tal-Grupp Burrus ([2]) (l-Iżvizzera), ikkontrollata esklussivament mill-Grupp Burrus,

— Siaci Saint-Honoré ("Siaci", Franza), ikkontrollata esklussivament minn Watling Street Capital Partners LLP.

OTPP u l-Grupp Burrus jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta ġdida, magħmula minn Siaci u t-Taqsima tas-Senserija tal-Grupp Burrus.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet tal-impriżi kkonċernati huma s-segwenti:

— għal OTPP: l-amministrazzjoni tal-benefiċċji tal-pensjoni u l-investiment tal-assi tal-pjan tal-pensjoni,

— għal grupp Burrus: produzzjoni tal-assigurazzjoni u senserija tal-assigurazzjoni, forniment ta' servizzi tat-teknoloġija finanzjarja, ġestjoni u konsulenza finanzjarji,

— għat-Taqsima ta' Senserija tal-Grupp Burrus: senserija tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u konsulenza dwarhom lill-impriżi,

— għal Siaci: senserija tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u konsulenza dwarhom lill-impriżi,

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([3]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10390 — Christian Burrus/OTPP/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24 du 29 ta' Jannar 2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) Bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet ta' assigurazzjoni għall-funerali tal-Grupp Burrus.
([3]) ĠU C 366 tal-14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Brussels
BELGIUM